Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAS-SEBGHA W HAMSIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 20 ta' APRIL 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 7.45pm |

**KULHADD KIEN PREZENTI U FIL-HIN HLIEF LI:**
**IS-SUR RALPH CASSAR U D-DOTT LUISA GAUCI BALUCI JINSABU MSIEFRIN.**
**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR (Skuzat) |
| | | LUISA GAUCI BALUCI (Skuzata) |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Norbert Pace, Sindku. Is-Sur Pace issospenda l-laqgha sabiex titkellem Dr. Catherine Tabone.**

Is-Sinjurina Tabone giet sabiex tesponi l-problema taghha rigward il-Parking Bays fit-triq taghha. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li skond il-*policy* intbaghtet ittra lir-residenti sabiex il-Kunsill jara min hu favur jew min hu kontra. Is-Sinjurina Tabone qalet li hi taqbel mal-*bays*, biss tixtieq li jigi kkunsidrat, li jsiru bhal ma kien isir Milan, cioe' *agreement* bejn il-Kunsill u s-Sinjurina biex tinkera b'tolleranza il-bay ta' quddiemha. Is-Sur Cordina qal li tista' tintbaghat applikazzjoni l-TM imma s'issa sa fejn jaf kulhadd ma tezistix fil-*policies* u regolamenti ta' Trasport Malta. Is-Sur Pace qal li jekk din issir jinholoq precedent imma xejn ma jzomm il-Kunsill milli japplika. Hu ssuggerixxa wkoll li s-Sinjurina ggib il-*Blue Sticker* u tapplika ghall-*Reserved Parking Bay*. Is-Sinjurina Tabone qalet ukoll li jista' jsir li l-*bays* isiru kemmkemm izghar. Is-Sur Cordina qal li ghalkemm il-Kunsill hu awtonomu irridu nghaddu minn certu proceduri u ma tistax taghmel xi haga minghajr l-approvazzjoni ta' TM. Gie deciz li l-ittra tas-Sinjorina Tabone tigi mibghuta TM b'*covering note* mill-Kunsill.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

   Gew approvati l-Minuti tal-laqgha Nru: 56 (16.03.11). Saret korrezzjoni zghira fejn hemm imnizzel approvazzjoni ta' hlasijiet fejn is-Sur Spiteri ssuggerixxa li dawn jintbaghtu qabel hekk kif ikunu lesti.

2. **KORRISPONDENZA**

   🗁 Ittra minghand Dun Noel Vassallo rigward restawr tal-kanapew tal-altar maggur. Wara diskussjoni fil-Kunsill, il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra li fiha jinghad 'nixtiequ ninfurmawk li bhalha donazzjonijiet huwa ftit difficli bhalissa imma jezistu fondi ghall-postijiet storici u bhalma inghatajna fondi sostanzjali ghal Kappella ta' San Pawl u kif il-Kunsill ghen biex jingabu fondi ghall-kappella jista' jghin f'dan ir-rigward'. Is-Sur Spiteri qal li nistghu nitolbuhom ukoll sabiex jipproponu iktar xogholijiet li ghandhom bhall-orgni li hu patrimonju nazzjonali.

   🗁 E-mail minghand is-Sinjurina Maria Cuschieri rigward alterazzjoni fis-sistema tar-rotta ta' tal-karozzi tal-Linja. Is-Sur Zammit qal li tal-linja tghaddi biss darbtejn sat-8am u wara ma tghaddix. Hu qal ukoll li s-sistema ha tinbidel f'Lulju ghaldaqstant wiehed jistena biex jara kif din ha tinbidel mal-introduzzjoni tal-Kumpanija gdida. Kulhadd qabel.

🗁 Petizzjoni minghand residenti ta' Triq ir-Ruzell rigward it-tabelli tad-dhul min-naha wahda biss. Il-Kunsill qabel li temporanjament jintghattew it-tabelli u tintbaghat ittra lir-residenti fejn jigu nfurmati li dawn qed jitghattew sakemm tingab l-approvazzjoni biex tinfetah Triq Xatbet l-Art u t-traffiku jkun jista' jiccirkola minn din it-triq. Sar qbil ukoll li meta din tinfetah isirha wicc temporanju sakemm jinghata t-tarmak u jsiru l-bankini kif suppost minn TM.

🗁 Ittra mill-ETC rigward korsijiet b'xejn li huma ko-finanzjati mill-ETC u European Union Social Fund. Il-Kunsill approva li jsiru xi korsijiet minnhom wara li jsiru arrangamenti jew mac-Centru Papa Gwanni II jew mal-Kullegg San Nikola.

3. **APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET**

Il-Kunsill approva l-hlasijiet ghax-xahar ta' Marzu 2011.

4. **KUNSILLI NAZZJONALI TAZ-ZGHAZAGH**

Prezenti ghall-laqgha kien hemm xi membri mill-Kunsilli Nazzjonali taz-Zghazagh fosthom min qed imexxihom, is-Sinjorina Mildred Bonnici(Youth Worker), Ian Zahra (Sindku), Emma Grech (Vici-Sindku), Maria Camilleri, Andre Bonett (Segretarju Ezekuttiv), u Christian Brincat. Is-Sinjurina Bonnici spjegat kif huma ilhom minn Ottubru jahdmu fuq progett ta' Wi-Fi, *PV lights* u *solar panels*. Is-Sinjurina Bonnici qalet li l-ewwel kienu ha jsiru *bollards* imma l-*Engineer* qal ahjar isiru *poles* u mhux *bollards* ghax inkella min ikun bilqeghda jistrieh ma jkunx jista' jara. Is-Sur Spiteri u Cordina qalu li zgur m'hemmx problema sabiex isibu l-appogg tal-Kunsill biex jigi implementat dal-progett. Ghandha tintbaghat ittra t'approvazzjoni lill-Kunsill Lokali Zghazagh H'Attard (Youth Local Council). Is-Sur Pace skuza ruhhu mill-kamra sabiex ikellem lil residenta li dahlet l-Ufficcju f'dan il-mument. Is-Sur Spiteri propona li nallokaw spazju fir-Rivista 'H'Attard'. Din it-talba giet milqugha. Is-Sinjurina Bonnici qalet ukoll li hemm il-hsieb li ghall-inawgurazzjoni jsir bejgh ta' fjuri u li din tibda ssir regolari. Dan il-fatt intghogob mill-membri tal-Kunsill prezenti.

5. **GHAZLA TA' *WORKS CO-ORDINATOR***

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat ir-rakkomandazzjoni li hi hejjiet, skond kif stipulat fil-Ligi, wara li l-bierah kien hemm l-interviews tal-External Call u gew maghzula tlett applikanti finali cioe' is-Sur Jesmond Mifsud, is-Sur Paul Valletta u s-Sur Philip Caruana. Hi temmet il-qari tar-rakkomandazzjoni (kopja annessa ma' dawn il-Minuti) billi qalet li fl-opinjoni taghha l-iktar persuna addatta biex timla dan il-post kien is-Sur Paul Valletta. Spiccat billi qalet li issa thalli f'idejn il-Kunsill sabiex jiddeciedi hu skond in-necessita' u l-bzonnijiet tal-ufficcju.

Wara li saret votazzjoni sigrieta fejn kull membru intalab jaghzel bejn dawn it-tlett kandidati is-Sur Pace fetah il-voti li gew hekk:

Paul Valletta 2
Philip Caruana 3
Bi tliet voti kontra tnejn il-Kunsill approva lill-Philip Caruana.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-Kunsill li ha tinforma l-ETC u d-Dipartiment b'din l-ghazla. Hekk kif hi tircievi l-approvazzjoni tal-ETC jintlew il-formoli tal-ingagg.

6. **WSC STIMA XOGHOLIJIET PPP**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet l-istima tax-xogholijiet sabiex isir it-tarmak fit-toroq B'Kara, Linja, Ghenba u Ganni Portelli. Din l-istima tammonta ghall-€84,858.90. Min dawn 30% minnhom ha jithallsu mill-Gvern Centrali. Il-Kunsill approva dawn il-fondi li jammontaw ghall-€59401.23, biss tithallas id-differenza fuqhom u mhux ihallas il-Kunsill *cash* u mbaghad nistennew il-flus tat-*trenching* u dawn qatt ma jaslu. Is-Sur Pace qal li ghandna niehdu wkoll flus rigward it-toroq ta' wara l-iskola li kien hemm bosta hsarat fuqhom. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan l-*agreement* qatt ma mmaterjalizza u hu inutli li ssir pressjoni fuqu. Is-Sur Pace qal li hemm ittra fejn WSC kienet qed tammetti li kellha bosta banjoes difettuzi. Ghaldaqstant ghandha tinstab din l-ittra u ssir pressjoni mal-WSC fuqha.

7. ***DRAFT MANAGEMENT LETTER***

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat il-Management Letter mibghuta sabiex din tigi diskussa. Hi semmiet diversi punti fosthom u li spikkaw kien hemm il-process ta' tendering li ghalih Lejl ghat-Tard suppost kellha tinhareg tender fl-opinjoni tal-Awditur. Ghalkemm dal-fatt qed jigi kontestat mill-Kunsill ghaxx fil-fatt inti qatt ma tista' tkun mija fil-mija kif ha tfassal programm skond id-disponibilita' tal-kantanti, zeffiena, atturi etc, is-Segretarju Ezekuttiv qalet li talbet lis-Sur Paul Azzopardi il-fatturi kollha tal-kantanti etc sabiex dawn jigu mghoddija l-Awdituri taghna. Is-Sur Mark A. Spiteri qal li l-Management Letter hija vera *clean* u dan jirrifletti l-andament tal-Kunsill.

Punti iohra li hargu mill-Management Letter kienu l-Allowance tal-Kunsilliera li trid tinghata skond l-attendenza u li jridu jinghataw gustifikazzjonijiet bil-miktub fis-seduta li jmiss dwar l-assenzi taghhom u l-Onorarja tas-Sindku li thallset f'Dicembru li ghadda. Hi qalet li dak li qed jinghad fil-Management Letter imur kontra l-Memo li harget f'Jannar fejn jinghad li min ga alloka dawn il-flus jirritornhom meta tkun rizolta din il-problema u jew tinghata lura jew tithallas id-differenza. Il-Management Letter pero' tghid li dawn ghandhom jitnaqqsu ftit ftit minn kull onorarja tax-xahar wara li jigi kkonsultat is-Sindku. Is-Sur Pace qal li hu m'ghandux minn fejn jirrifondihom u ghalhekk gie deciz li l-Management Letter u l-Memo jintbaghtu d-Dipartiment u jittiehed il-parir tad-Dipartment.

8. **ONORARJA TAS-SINDKU**

Dan l-item gie diskuss.

9. **UFFICCINI TAL-KUNSILL**

Se jithallas l-extension tal-permess sakemm il-Kunsill jircievi mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar postijiet tal-Gvern disponibbli fir-rahal.

10. **MIZURA 313 LEADER PROGRAMME EARDF**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Kunsill meta l-espression of interest sabiex isir progett ta' flora u rikrejazzjoni f'Wied is-Sewda imma mhix certa kemm ha tintlahaq id-*deadline* sabiex timtela' l-applikazzjoni mill-MEUSAC. Fil-fatt il-Perit qal li peress trid issir is-survey ma tantx hemm zmien wisq. Ghalhekk din l-applikazzjoni mhix ha tintefa'.

11. **MIZURA 125 LEADER PROGRAMME EARDF**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ha timla' hekk kif tohrog l-applikazzjoni sabiex jigu rrangati t-toroq qalb l-eghlieqi li minn Wied is-Sewda jaghtu ghal MFS u l-Allwoods and Steel. Kulhadd qabel.

12. **JUM H'ATTARD**

Is-Sur Cordina talab l-ghajnuna ta' min jista' joffriha sabiex jittella' programm ghal-Jum H'Attard u Gieh H'Attard fil-21 ta' Mejju fl-okkazzjoni tal-Family Fun Weekend li se jigi organizzat bejn il-21 u t-22 ta' Mejju. Hu qal li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ha jtellghu programm mill-Banda 'La Stella Levantina' u kull ghajnuna tkun ferm apprezzata.

13. **PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Courses b'xejn mill-ETC miftuhin ghall-kulhadd. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ha tara x'jista' jsir minnhom u d-disponibilita' tac-Centru u l-iskola biex dawn

isiru fihom.  Biss hi qalet li l-ahjar jibdew minn Ottubru li gej ghax issa diehel is-Sajf u tard biex jinbdew.

- Triq ir-Ruzell –Dan l-item gie diskuss.

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Intalbet lilu laqgha bejn il-Manager tal-BOV u membri tal-Kunsill.
- Jinxtraq zewg sigar taz-zebbug li nsterqu minn Triq il-Kbira hdejn Etienne's.
- Titranga bankina fi Triq l-Gharix li tkissret minn xi krejn.
- Rega' tenna fuq il-blokka konkos tal-wied sabiex din titnehha.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Tintbaghat ittra lil dak li ghandu t-tankijiet hdejn il-kamra tal-Enemalta minhabba li dan qal li qatt ma ricieva xejn biex inehhihom.  Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li diga' marret fuq il-post darbtejn u qaltilhom darbtejn imma mid-dehra hadd ma jrid jisma'.

**14. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-7.45pm ghat-18 ta' Mejju 2011.

______________________ ____________________

Vici Sindku | Data